# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 28 ta' Lulju 2025**

## Rik. Gur.Nru.: 218/2025JPG
## Kawza nru.: 25

**LM**
**vs**
**NM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 5 ta' Mejju 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *1. Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-Paroċċa Our Lady of Sorrows, f'San Pawl il-Baħar, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat anness u mmarkat* ***Dokument A****.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri EM, illi twieled nhar X u għalhekk huwa minuri.*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Jean Carl Debono datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019); vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dokument B****.*

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti arretrati ta' manteniment fil-konfront*

*tal-minuri EM. Fir-rigward ta' manteniment għal xulxin, il-Partijiet iddekadaw reċiprokament mid-dritt tagħhom li jitolbu manteniment mingħand xulxin.*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi huma ilhom legalment separati minn xulxin sa mis-sena elfejn u dsatax (2019) u illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. *Illi l-esponenti qiegħda tannetti l-affidavit tagħha, ma dan ir-rikors, mmarkat* ***Dokument C****.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti jogħġobha:*

A. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

B. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat li l-intimat deher ghas-seduta tad-9 ta' Gunju 2025 u nforma lill-Qorti li m'ghandhux oggezzjoni ghad-divorzju.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici** xehdet permezz tal-affidavit (**Vide Fol 16)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar it-12 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u li minn dan iz-zwieg twieled wild, li llum ghadu minorenni. Iddikjarat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Frar 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono; Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat** xehed viva voce fis-seduta tal – 9 ta' Gunju 2025 **(Vide Fol 33 )** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-***

> ***ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Dicembru 2008 liema zwieg jgib certifikat numru 4/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled wild wiehed, li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono datat 21 ta' Frar 2019 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 4/2008, u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**